II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/800

tas-17 ta' Mejju 2021

li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE

(notifikata bid-dokument C(2021) 3291)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ([1]), u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) u l-Artikolu 29(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 96/23/KE jirrikjedi li l-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw l-annimali u l-prodotti tal-annimali koperti minn dik id-Direttiva, jissottomettu l-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi li jipprovdu l-garanziji meħtieġa ("il-pjanijiet"). Dawn il-garanziji jrid ikollhom effett mill-inqas ekwivalenti għal dawk previsti f'dik id-Direttiva u, b'mod partikolari, iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva u jispeċifikaw id-dettalji stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 96/22/KE. Jenħtieġ li l-pjanijiet ikopru mill-inqas il-gruppi tar-residwi u tas-sustanzi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 96/23.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ([2]) tapprova l-pjanijiet sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi dwar l-annimali u l-prodotti tal-annimali, li huma elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Il-budellat tal-annimali jista' jkun fih residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi. Tali residwi nstabu fil-budellat importat lejn l-Unjoni u rrapportati fis-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf mill-2015 minn xi pajjiżi terzi u kienu jikkonċernaw sustanzi pprojbiti b'attività antimikrobika. Dawk ir-residwi jistgħu jkunu preżenti fil-budellat minħabba l-amministrazzjoni ta' antimikrobiċi li jipprevjenu t-taħsir batteriku tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura s-sikurezza kimika tal-budellat billi teżiġi li l-budellat tal-annimali jidħol biss fl-Unjoni minn pajjiżi terzi elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE, li pprovdew il-garanziji meħtieġa għal din il-komodità fil-pjanijiet approvati tagħhom ta' monitoraġġ tar-residwi. L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2011/163/UE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

(4) Il-pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u intestini ttrattati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 ([3]), huma elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([4]). Il-pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-laħam f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 ([5]), huma elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 ([6]).

(5) Sabiex jiġi minimizzat it-tfixkil fil-kummerċ, il-pajjiżi terzi kollha li bħalissa huma awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u (UE) 2021/405 u li huma diġà elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE jenħtieġ li jiġu wkoll elenkati f'dak l-Anness għall-budellat tal-annimali, peress li diġà pprovdew biżżejjed garanziji relatati mas-sorveljanza tar-residwi. Barra minn hekk, fir-rigward tal-budellat, ir-riskju ma jirriżultax mit-trattament tal-annimali iżda mill-adulterazzjoni tal-prodott għall-prevenzjoni tat-taħsir batteriku.

(6) Barra minn hekk, dawk il-pajjiżi terzi li lestew b'suċċess il-kwestjonarju relatat mas-saħħa tal-annimali u mas-saħħa pubblika bil-ħsieb li jiġi inkluż fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u (UE) 2021/405, jenħtieġ li jiġu elenkati wkoll għall-budellat fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE, dment li jkunu ppreżentaw pjan speċifiku ta' monitoraġġ tar-residwi għall-budellat tal-annimali lill-Kummissjoni, u li dak il-pjan ikun ġie approvat mill-Kummissjoni.

(7) wara l-evalwazzjoni sħiħa tal-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi ppreżentati mill-pajjiżi terzi kollha li jesportaw il-budellat lejn l-Unjoni, u qabel it-tmiem tal-perjodu tranżitorju li jiskadi fl-20 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni se tistabbilixxi lista definittiva tal-pajjiżi li jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva 96/23/KE relatati man-nuqqas ta' sustanzi pprojbiti b'attività antimikrobika fil-budellat.

(8) Filwaqt li l-Awstralja ma għandha l-ebda pjan ta' monitoraġġ tar-residwi approvat għall-bajd, hija pprovdiet il-garanziji li fil-prodotti komposti destinati għall-esportazzjoni lejn l-UE, jintuża biss il-bajd li joriġina minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati biex jesportaw tali prodotti lejn l-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied entrata għall-Awstralja dwar il-bajd, bin-nota f'qiegħ il-paġna xierqa.

(9) Filwaqt li l-Indja ma għandha l-ebda pjan ta' monitoraġġ tar-residwi approvat għall-prodotti tat-tjur u għall-prodotti tal-ħalib, hija pprovdiet il-garanziji li fil-prodotti komposti destinati għall-esportazzjoni lejn l-UE, jintużaw biss il-prodotti tal-ħalib li joriġinaw minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati biex jesportaw tali prodotti lejn l-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li mal-lista tiżdied entrata għall-Indja dwar il-prodotti tal-ħalib, bin-nota f'qiegħ il-paġna xierqa.

(10) Filwaqt li New Zealand ma għandha l-ebda pjan ta' monitoraġġ tar-residwi approvat għall-ispeċi porċina, għall-prodotti tat-tjur, għall-bajd u għall-fniek, hija pprovdiet il-garanziji li fil-prodotti komposti destinati għall-esportazzjoni lejn l-UE, jintużaw biss il-prodotti tal-majjal, il-prodotti tat-tjur, il-bajd u l-fniek li joriġinaw minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati biex jesportaw tali prodotti lejn l-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li mal-lista tiżdied entrata għal New Zealand dwar il-speċi porċina, il-prodotti tat-tjur, il-bajd u l-fniek, bin-nota f'qiegħ il-paġna xierqa.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ĠU L 095, 7.4.2017, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p.118).

(11) Filwaqt li l-Filippini ma għandhom l-ebda pjan ta' monitoraġġ tar-residwi approvat għall-prodotti tal-ħalib u l-bajd, huma pprovdew il-garanziji li fil-prodotti komposti destinati għall-esportazzjoni lejn l-UE, jintużaw biss il-prodotti tal-ħalib u l-bajd li joriġinaw minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati biex jesportaw tali prodotti lejn l-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied entrata għall-Filippini dwar il-prodotti tal-ħalib u l-bajd, bin-nota f'qiegħ il-paġna xierqa.

(12) Filwaqt li Singapore ma għandha l-ebda pjan ta' monitoraġġ tar-residwi approvat għall-bajd, hija pprovdiet il-garanziji li fil-prodotti komposti destinati għall-esportazzjoni lejn l-UE, jintuża biss il-bajd li joriġina minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati biex jesportaw tali prodotti lejn l-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li mal-lista tiżdied entrata għal Singapore dwar il-bajd, bin-nota f'qiegħ il-paġna xierqa.

(13) Filwaqt li t-Tajlandja ma għandha l-ebda pjan ta' monitoraġġ tar-residwi approvat għall-ispeċi bovina, għall-ispeċi porċina, għall-prodotti tal-ħalib u għall-bajd, hija pprovdiet il-garanziji li fil-prodotti komposti destinati għall-esportazzjoni lejn l-UE, jintużaw biss il-prodotti tal-ispeċi bovina, il-prodotti tal-ħalib u l-bajd li joriġinaw minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati biex jesportaw tali prodotti lejn l-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li mal-lista tiżdied entrata għat-Tajlandja dwar l-ispeċi bovina, il-prodotti tal-ħalib u l-bajd, bin-nota f'qiegħ il-paġna xierqa.

(14) Filwaqt li l-Korea t'Isfel ma għandha l-ebda pjan ta' monitoraġġ tar-residwi approvat għall-prodotti tal-ħalib, għall-bajd u għall-għasel, hija pprovdiet il-garanziji li fil-prodotti komposti destinati għall-esportazzjoni lejn l-UE, jintużaw biss il-prodotti tal-ħalib, il-bajd u l-għasel li joriġinaw minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati biex jesportaw tali prodotti lejn l-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li mal-lista tiżdied entrata għall-Korea t'Isfel dwar il-prodotti tal-ħalib, il-bajd u l-għasel, bin-nota f'qiegħ il-paġna xierqa.

(15) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/163/UE tiġi emendata skont dan.

(16) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([7]).

Artikolu 2

L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2011/163/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Bl-eċċezzjoni tal-materja prima użata għall-produzzjoni tal-budellat, il-pajjiżi terzi li jużaw materja prima importata minn pajjiżi terzi oħra approvati għall-produzzjoni ta' ikel ta' oriġini mill-annimali f'konformità ma' din id-Deċiżjoni, jew minn Stati Membri għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni u li ma setgħux jipprovdu pjan ta' monitoraġġ tar-residwi ekwivalenti għal dak meħtieġ mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/23/KE għat-tali materja prima, għandhom iżidu d-dikjarazzjoni li ġejja mal-pjan: "L-awtorità kompetenti ta' [il-pajjiż terz] tiżgura li l-prodotti ta' oriġini mill-annimali għall-konsum mill-bniedem esportati lejn l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-prodotti mmanifatturati minn materja prima impurtata fi [il-pajjiż terz], għandhom jiġu biss minn stabbilimenti elenkati f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625* (*) u li għandhom proċeduri affidabbli implimentati biex jiggarantixxu li l-materja prima ta' oriġini mill-annimali użata fit-tali ikel toriġina biss mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew minn pajjiżi terzi elenkati għall-materja prima rispettiva fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE mingħajr nota f'qiegħ il-paġna restrittiva kif previst fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni.".

Għall-produzzjoni tal-budellat maħsub għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, il-pajjiżi terzi jistgħu jużaw il-materja prima importata minn pajjiżi terzi oħra, li huma awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk, jew ta' ċerti prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u intestini ttrattati fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u (UE) 2021/405.

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

Il-pajjiż terz li beħsiebu jesporta l-budellat lejn l-Unjoni għandu jiġi elenkat fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u (UE) 2021/405 għall-budellat, kif ukoll fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE (għall-budellat). Barra minn hekk, l-istabbilimenti li minnhom il-budellat ikun se jiġi esportat lejn l-Unjoni, għandhom jiġu elenkati f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625.".

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

Artikolu 3

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż [1]	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwa-kultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrob-bija	Għasel	Budellat
AD	Andorra	X	X	X [4]	X								X	
AE	L-Emirati Għarab Magħquda						X [4]	X [2]						
AL	L-Albanija		X				X [9]		X					X
AM	L-Armenja						X						X	
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X		X		X	X	X 4bis		X	X	X	X
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	X	X	X		X	X [9]	X	X				X	
BD	Il-Bangladesh						X							
BF	Il-Burkina Faso												X	
BJ	Il-Benin												X	
BN	Il-Brunei						X							
BR	Il-Brażil	X			X	X	X						X	X
BW	Il-Botswana	X												
BY	Il-Belarussja				X [3]		X	X	X				X	X
BZ	Il-Belize						X							
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CH	L-Iżvizzera	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċilì	X	X	X		X	X	X			X		X	X
CM	Il-Kamerun												X	
CN	Iċ-Ċina					X	X		X	X			X	X
CO	Il-Kolombja						X	X	X [4]					X
CR	Il-Costa Rica						X							

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż ([1])	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwa-kultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrob-bija	Għasel	Budellat
CU	Kuba						X						X	
DO	Ir-Repubblika Dominicana												X	
EC	L-Ekwador						X							
ET	L-Etjopja												X	
FK	Il-Gżejjer Falkland	X	X ([13])				X ([9])							
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X ([9])							
GB	Il-Gran Brittanja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
GE	Il-Georgia												X	
GG	Guernesey	X						X						
GH	Il-Ghana												X	
GL	Greenland		X									X		
GT	Il-Gwatemala						X ([11])						X	
HN	Il-Honduras						X							
ID	L-Indoneżja						X							
IL	Iżrael ([7])					X	X	X	X				X	
IM	Isle of Man	X	X	X			X	X					X	
IN	L-Indja					X [4bis]	X	X [4bis]	X				X	X
IR	L-Iran						X ([11])							X
JE	Jersey	X						X						
JM	Il-Ġamajka												X	
JP	Il-Ġappun	X		X		X	X	X	X					X
KE	Il-Kenja						X							
KR	Il-Korea t'Isfel					X	X	X [4bis]	X [4bis]				X [4bis]	
LBN	Il-Libanu													X

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż [1]	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwa-kultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrob-bija	Għasel	Budellat
LK	Is-Sri Lanka						X							
MA	Il-Marokk					X	X [9]							X
MD	Il-Moldova					X	X [9]	X	X				X	
ME	Il-Montenegro	X	X [13]	X		X	X [9]	X	X				X	
MG	Madagascar						X						X	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	X	X	X		X	X	X	X		X		X	
MM	Il-Myanmar						X						X	
MU	Mauritius						X						X [4]	
MX	Il-Messiku						X		X				X	X
MY	Il-Malasja					X [4]	X							
MZ	Il-Mozambique						X [11]							
NA	In-Namibja	X	X [13]								X			
NC	New Caledonia						X [11]					X	X	
NI	In-Nikaragwa						X [11]						X	
NG	In-Niġerja						X [11]							
NZ	New Zealand	X	X	X [4bis]	X	X [4bis]	X	X	X [4bis]	X [4bis]	X	X	X	X
OM	L-Oman						X [9]							
PA	Il-Panama						X							
PK	Il-Pakistan													X
PE	Il-Perù						X							
PH	Il-Filippini						X	X [4bis]	X [4bis]					
PM	Saint Pierre u Miquelon					X								
PN	Il-Gżejjer Pitcairn												X	
PY	Il-Paragwaj	X												X

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż ([1])	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwa-kultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrob-bija	Għasel	Budellat
RS	Is-Serbja ([5])	X	X	X	X ([3])	X	X	X	X		X		X	X
RU	Ir-Russja	X	X	X		X		X	X			X ([6])	X	X
RW	Ir-Rwanda												X	
SA	L-Arabja Sawdija						X							
SG	Singapore	X ([4])	X ([4])	X ([4])	X ([8])	X ([4])	X	X ([4])	X [4bis]		X ([8])	X ([8])		
SL	Sierra Leone												X	
SM	San Marino	X		X ([4])				X					X	
SV	El Salvador												X	
SZ	L-Eswatini	X												
TG	It-Togo												X	
TH	It-Tajlandja	X [4bis]		X [4bis]		X	X	X [4bis]	X [4bis]				X	
TN	It-Tuneżija						X ([9])				X			X
TR	It-Turkija					X	X	X	X				X	X
TW	It-Tajwan						X		X				X	
TZ	It-Tanzanija						X ([11])						X	
UA	L-Ukrajna	X		X		X	X ([9])	X	X	X			X	X
UG	L-Uganda						X						X	
US	L-Istati Uniti	X	X ([12])	X		X	X	X	X	X	X	X	X	X
UY	L-Urugwaj	X	X		X		X	X			X		X	X
VE	Il-Venezwela						X							
VN	Il-Vjetnam						X						X	
XK	Il-Kosovo ([14])					X ([4])								
ZA	L-Afrika t'Isfel										X	X ([10])		
ZM	Iż-Żambja												X	

(1) Din it-tabella fiha lista ta' pajjiżi u territorji. Mhijiex limitata għall-pajjiżi rikonoxxuti mill-UE.
(2) Il-ħalib tal-ġemel biss.
(3) L-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' ekwidi ħajjin għat-tbiċċir (annimali li jipproduċu l-ikel biss).
(4) Pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħrajn li jkunu approvati għall-importazzjoni ta' tali materja prima lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2.
4bis 3 bis Pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħrajn li jkunu approvati għall-importazzjoni ta' tali materja prima lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2, bil-fini li tintuża biss għall-preparazzjoni ta' prodotti komposti destinati għall-esportazzjoni lejn l-UE.
(5) Il-Kosovo mhux inkluż.
(6) Iċ-ċriev biss.
(7) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji li ilhom taħt l-amministrazzjoni ta' Iżrael minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet tal-Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.
(8) Għall-komoditajiet ta' laħam frisk li joriġinaw minn New Zealand biss, destinati għall-Unjoni, u li jinħattu, jitgħabbew mill-ġdid u jgħaddu minn Singapore, kemm jekk jinħażnu hemm, kif ukoll jekk le.
(9) Esklużi l-krustaċji.
(10) Ir-ratiti biss.
(11) Eskluży l-ħut bil-pinen.
(12) L-ispeċi kaprina biss.
(13) L-ispeċi ovina biss.
(14) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għal pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo."